# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar 2025**

**Numru 2**

**Rikors Numru 263/23TA**

**Reuben Buttigieg (K.I. 527774M) u Tracy Buttigieg (K.I. 358373M) f'isimhom propju kif ukoll bħala l-leġittimi rappreżentanti ta' binhom Matteo Peter Buttigieg (K.I. 344814L)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**u**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Reuben Buttigieg u Tracy Buttigieg f'isimhom propju kif ukoll bħala l-leġittimi rappreżentanti ta' binhom Matteo Peter Buttigieg (ir-rikorrenti) tad-19 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Tracy Buttigieg isseparat legalment minn Ronnie Vella fit-tmienja ta` Novembru tas-sena elfejn u tlettax (08.11.2013) u dana skont il-

kuntratt ta` seperazzjoni hawn anness u mmarkat bhala **Dok A.** Izda huma kien ilhom Sperati *de facto* mis-dstatax ta` Gunju tas-sena elfejn u tnax (19.06.2012) (**Dok B**). Illi sussegwentament iz-zwieg bejn Tracy Buttigieg u Ronnie Vella gie ddikjarat null fid-disgħa ta` Jannar tas-sena elfejn u sbatax (09.01.2017) mill-Qorti ta` Appell fl-ismijiet Vella Tracy vs Vella Ronnie (105/16).

2. Illi Tracy Buttigieg bdiet relazzjoni mar-rikorrent l-iehor, Rueben Buttigieg u fil-wiehed u għoxrin ta` April tas-sena elfejn u erbatax (21.04.2014) twieled il-minuri Matteo Buttigieg. Illi l-minuri Matteo Buttigieg twieled meta l-esponenti Tracey Buttigieg kienet għada legalment mizzewwga ma` Ronnie Vella u cioe` qabel ma z-zwieg tagħhom gie ddikjarat null.

3. Illi Tracy Buttigieg u Ronnie Vella għamlu d-dikjarazzjoni mehtiega quddiem il-Qorti tar-Revizjoni Notarili u dana skont l-Artikolu 280 (2) (c) tal-Kodici Civili. Izda li gara huwa illi fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Matteo Peter Buttigieg iddahhlet dina d-dikjarazzjoni u cioe` d-dikjarazzjoni segwenti; " *Separated wife of Ronnie vella The married couple (12) are (12) making a joint declaration in writing and on oath that during the whole period of 300 days next preceeding the birth of the child, they did not have any sexual relationship together as attested in terms of article 280(2)c of Civil Code*." Illi dina d-dikjarazzjoni hija informazzjoni personali zejda u tivjola d-drittijiet fundemantali tar-rikorrenti u dan taht l- Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundemantali tal-Bniedem, Illi din mhux tivjola l-Protezzjoni tad-data izda hija ukoll pprocessar ta` informazzjoni personali li mhijiex neccassarja għal finijiet ta` certifkat ta` twelid tal-minuri.

4. Illi r-rikorrenti Tracy Buttigieg u Reuben Buttigieg bdew prceduri sabiex innehhu dina d-dikjarrazzjoni mic-certifikat tat-twelid ta` binnhom Matteo Peter Buttigieg. Illi huma applikaw mal-Kumissarju għall- Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data sabiex dina d-Dikjarazzjoni titnehha izda giet michuda fl-10 ta` Marzu 2016 Sussegwentament tali cahda huma appellaw tali decizjoni u t-Tribunal ta` l-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data fit-23 ta` Marzu 2017 liema sentenza hija annessa u mmarkata bhala Dok C, laqgħet tali appell u ordnat is-segwenti: "*Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi billi jannulla d-decizjoni tal-Kummissjaru tal-10 ta` Marzu 2016 stante li fl-att tat-twelid tat-tarbija Matteo Peter Buttigieg mertu ta` dawn il-proceduri a bazi tal-artikolu 7 (f) tal-Kap 440 giet processatat data fic-certifikat tat-twelid oltre dan rikjest mil-Kodici Civili, u għalhekk ma jistgħax jingħad li sar in konformita mal-artikolu 9 (f) tal-Kap 440 u jirriferi l-atti lura lill- istess Kummissarju ai termini tal-artikolu 49 (4) (ii) tal-Kap 440 sabiex jerga jikunssidra d-decizjoni tiegħu u jiddeciedu skond kif jirrikjedi l-istess artikolu 49 (4) (ii) tal-Kap 440."*

**5.** Illi wara l-atti gew irreferiti lura lil Kummissarju, tali dikjarazzjoni tnehhiet izda d-Direttur tar-Registru Pubbliku xorta pogga tali dikjarazzjoni bhala annotazzjoni fl-istess certifikat tat-twelid. Illi tali annotazzjoni xorta wahda

hija zejda u hija ksur tal-privatezza ta` Tracey Buttigieg. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku insista li tali korrezzjoni fl-att tat-twelid ta` Matteo Peter Buttigieg sar in segwitu ta` l-Artikolu artikolu article 257 (9) tal-Kodici Civili li jipprovdi li korrezzjonijiet ordnati mill-Qorti tar-Revizjoni Notarili jigu implimentati permezz ta` annotazzjoni fil-genb tar-registru. Illi għalhekk id-Direttur tar- Registru Pubbliku ma jistax ihassar kompletament dina d-dikjarazzjoni. Izda tali dikjarazzjoni hija zejda u hija ksur tad-dritt ta` privattezza kemm tar-rikorrenti Tracy Buttigieg kif ukoll tal-minuri Matteo Peter Buttigieg fil-kuntest illi tali registru skont l-Artiklu 251 tal-Kodici Civili jista jigi inpsezzjonat min kwalunkwe persuna. Illi r-rikorrenti kitbu lil Kummissarju fejn huwa ordna lir-Registru Pubbliku fl-ittra ddatata hamsa ta` April tas-sena elfejn u wiehed u għoxrin (05.04.2021) sabiex inehhi tali annotazzjoni u f` kaz li ma jridx jgħid ir-raguni għaliex, liema ittra hija annessa u mmarkata bhala **Dok D.**

6. Illi wara kommunikazzjoni fit-tul, ir-Registru Pubbliku ippropona fit-2 ta` Gunju 2021 s-segwenti, liema kommunikjazzjoni hija annessa u mmarkata bhala **Dok E** u parti minnha riprodotta hawn taht:

**“As clearly mentioned during yesterday`s meeting. The next text in such cases will be as follows:**

**“A joint decleration has benn made in terms of Article 280(2)(c) of the Civil Code (Cap.16),”**

**It is very important to note that the purpose of Articles 280(2)(a) and 280(2)(c) of the Civil Code is to provide a mechanism before the birth registration, by virtue of which the legal presumption that a child has been born in wedlock (As per Article 67 of the Civil Code) can be rebutted. In fact, Article 278 (1) (e) (iv) stipulates that “ where the provisions of article 280(2)(a) apply a reference to such fact shall be made in the act of birth”.**

**For some reason, when Article 280(2)(c) was introduced in 2012, which also is another way by which the same legal presumption can be rebutted before the Court of Revision of Notarial Acts, Article 278 has not be amended so that in such cases, a reference is also made on the Act of Birth. In view of this, an additional legal amendment to the proviso of Article 278(e) (iv) will be proposed, so that in cases where the provisions of Article 280(2) (C) are applicable, a reference to such fact is also made on the Act of Birth. The following proposed amendment will be included in the same Bill of Amendments and obviously will only come into force once approved by Parliament:**

**Amendment of Article 278 of the Code**

**In sub-paragraph (iv) of the proviso to paragraph (e) of sub-article (1) of Article 278 of the Code, immediately after the words " where the provisions of article 280(2) (a)", there shall be added the words " or article 280(2) (c) ","**

7. Illi għalhekk mit- 2 ta` Gunju 2021 sal prezenti ma kien hemm l-ebda emenda f` dana s-sena u għalhekk ir-rikorrenti baqaw ibatu bl-istess ksur tal-privatezza. In oltre, anka jekk wiehed janaliza l-artikolu tal-ligi in ezamini u cioe` l-Artikolu 278 (c) u l-Artikolu 280 (2) (c) tal-Kodici Civili wiehed jara illi qegħda tinhloq diskriminazzjoni bejn persuni li twieldu fiz-zwieg u li twieldu barra z-zwieg, liema distinzzjoni hija zejda u mhux necessarja la darba persuna tista` tigi ddentifikata bl-isem u l- kunjom ta` min hija ommha u missierha.

8. Illi *multo magis* jekk wiehed jara l-Artikolu 280 (2) (c) hemm bzonn dikjarazzjoni bil miktub u guramentata quddiem il- Qorti ta` Revizjoni ta` l-Atti Notarili li matul it-tlett mitt jum (300) qabel it-twelid tat-tarbija l-partijiet mizzewwga ma kellhomx relazzjonijiet sesswali flimkien. Illi dina d-dikjarazzjoni sehhet (**Dok F).** Illi l-Artikolu 280 (1) u 280 (2) joholqu diskriminazzjoni bejn koppji li huma mizzewwga u mhux legalment isseparati u koppji li huma mizzewwga u mhux legalment isseparati u koppji li huma mizzewwga u legalment isseparati u dana għaliex ma hemm l-ebda distinzzjoni bejn dawn iz-zewg tipi ta` koppji. Fil-kaz in ezamini mat-twelid ta` Matteo Peter Buttigieg, Tracy Buttigieg u Ronnie vella kienu mhux biss legalment isseparati, imma ukoll kien hemm in ezistenza skrittura privata bejniethom ddatata dsatax ta` Gunju tas-sena elfejn u tnax (19.06.2012) fejn iffirmaw illi Tracy vella flimkien ma` ulied il partijiet allontanaw ruhhom mid-dar matrimonjali kif ukoll test tad-DNA mehud ftit granet wara t-twelid ta ` Matteo Peter Buttigieg **(Dok G**) li juri illi Ruben Buttigieg huwa l-missier. Illi l-ligi kif inhi msejsa qegħda ddiskriminat kontra Tracy Buttigieg u dana għaliex poggiet lill-istess Tracy Buttiegieg bhala persuna li hija mizzewwga izda mhux legalment isseparata. Illi fil-kaz ta` Tracy Buttigieg kienet ilha mis-sena 2012 separata *de facto* u mis-sena 2013 legalment isseparata. Illi għalhekk il-ligi għandha tiddistingwi bejn koppji li huma mizzewwga u mhux legalment isseparati u koppji li huma mizzewwga izda huma legalment isseparati.

Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-ligi ukoll tikontempla u taccetta t-test genetiku tad-DNA hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 70 u 70A tal-Kodici Civili. Illi għalhekk, fil-kaz in ezami, ma hemm l-ebda raguni għaliex il-ligi fl-Artikolu 280 għada tistrieh fuq it-test antikwat ta` tlett mitt (300) jum qabel it-twelid tat-tarbija meta illum il- gurnata test genetiku jista` juri ezattatemt minn hu l-missier bijologiku

tat-tarbija. Illi l-ligi tikkontempla illi koppja mhux mizzewga u li jkollha tarbija jistgħu imorru flimkien ir-Registru Pubbliku sabiex jgħamlu dikjarazzjoni illi t-tarbija hija l-wild tal-*partner* ta` l-omm Izda fil-kaz in ezamini, minkejja illi Tracey Buttigieg u Ronnie Vella kienu ilhom legalment isseparati, Tracy Buttigieg u Ruben Buttigieg ma` setgħu jgħamlu l-ebda tali dikjarazzjoni. Illi in ogni caso hemm distinzzjoni u diskriminazzjoni bejn koppji mizzewwga u mhux legalment isseparati u koppji mizzewwga u legalmet isseparati, għax fil-kaz ahhari jekk omm ikollha wild ikollha tgħaddi min ipproccessar ta` data zejna fejn omm fl-ewwel kaz ma jkollha tgħaddi minn l-ebda tali pprocessar.

Illi hawnhekk minhabba l-ligi hi kif inhi ir-rikorrenti kellhom id-drittijiet fundamentali tagħhom skont l-Artikolu 8,13 u 14 tal-konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem lezi , għax mhux tali dawn kissru d-drittijiet sanciti taht l-Artikolu 8, izda ukoll kienu diskirminatorji hekk kif stipulat taht l-Artikolu 13 kif ukoll ma kien hemm l-ebda rimedju effetiv li setgħu jirrikorru għalih ir-rikorrenti u dan taht l-Artikolu 14 ta` l-istess u għalhekk kellhom jinfethu dawn il-proceduri odjerni.

9. Illi minhabba f` hekk ir-rikorrenti baqgħu ibatu tali ksur ta` privatezza kif ukoll diskriminazzjoni u għalhekk jidher li hemm ksur lampanti tad-drittijiet fundamentalita` l-esponenti senjatament, l-Artikolu 32, 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll ksur lampanti ta` l-Artikolu 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

10. Illi f`din is-sitwazzjoni r-rikorrenti baqgħu mingħajr rimedju effetiv li jinsab garantit mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Għaldaqstant ir-rikorrenti qegħdin umilment jitolbu lil dina Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikajara u tiddeciedi illi l-ligijiet vigenti, senjatament l-Artikoli 278 (e) u 280 (2) (c) tal Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta) huma inkonsistenti mad-dritt fundamentali tar-rikorrenti taht l-Artikoli 32 u 45 tal-Konstituzzjoni ta` malta u l-Artikolu 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentament d-drttijiet tar-rikorrenti taht l-istess gew miksura;

2. Tiddikjara illi r-rifjut tad- Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex inehhi tali annotazzjoni fir-registru u fic-certifikat u att tat-twelid tal-minuri Matteo Peter Buttigieg wasslet sabiex id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti taht l-Artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta ` Malta u l-Artikolu 8,13 u14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem gew miksura.

3. Tordna lid-direttur tar-registru Pubbliku a tenur ta` l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni sabiex jnehhi tali annottazzjoni/dikjarazzjoni minn kwalunkwe registru u fic-certifkat u att tat-twelid tal-minuri Matteo Peter Buttigieg.

4. Tagħti daw kir-rimedji u direttivi opportunisabiex id-drittijiet tar-rikorrenti Reuben Buttigieg u Tracy Buttigieg f` isimhom propju u bhala r-rapprezentati legittimi tal-minuri Matteo Peter Buttgieg jigu salvagwardjati fis-sens permess, inkluz il-korrezzjoni opportuna u retroattivita fl-att, ic-certifikat tat-twelid u fir-registru.

5. Tordna l-hlas ta` kumpens xieraq lir-rikorrenti, li jkun jinkludi l-hlas ta` *non-pecuniary damages*.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat tal-iStat u tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (l-intimati) tas-16 ta' Ġunju 2023 li permezz tagħha wieġbu u eċċepixxew is-segwenti:

1. Skont l-Att tat-Twelid bin-numru 3448/2014**,** 'Matteo Buttigieg' twieled nhar il-21 t'April 2014 ġewwa Malta lil 'Reuben Buttigieg' u 'Tracy (Teresa) Vella nee' Borg "*separated wife of Ronnie Vella. The married couple are making a joint declaration in writing and on oath that during the whole period of 300 days next preceding the birth of the child, they did not have any sexual relationship together as attested in terms of Article 280(2)(c) of the Civil Code";*

2. Skont deċiżjoni mogħtija mill-Kummissarju għal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data datata 7 t'April 2017, ġiet ordnata korrezzjoni li biha nbidel il-kliem suespost li eventwalment ġie jaqra hekk: *"separated wife of Ronnie Vella. The married couple are making a joint declaration in writing and on oath in terms of Article 280(2)(c) of the Civil Code".* Illi in ottemporanza ma din l-ordni, din it-tibdila ġiet riflessa, permezz ta' annotazzjonijiet appożiti, fl-Att tat-Twelid tal-Minuri mid-Direttur imħarrek;

3. Illi id-deċiżjoni finali tal-Kummissarju ma ġietx appellata mill-atturi skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 440, liema liġi kienet effettiva dak iż-żmien;

4. Illi jidher ukoll li in vista taż-żwieġ bejn l- atturi, l-minuri 'Matteo Buttigieg' huwa meqjus li dejjem twieled fiż-żwieġ;

5. Illi in vista tal-fatt li l-minuri fil-mument tat-twelid kien preżunt skont l-Artikolu 67 u 68 tal-Kodiċi Ċivili, li twieled fiż-żwieġ, sabiex tali preżunzjoni ġiet megħluba, kien jeħtieg illi l-omm flimkien mar-raġel tagħha u l-missieri naturali jagħmlu dikjarazzjoni konġunta ġuramentata taħt l-Artikolu 280(2)(c) tal-Kodici Civili sabiex il-minuri jiġi reġistrat fuq isem il-missier naturali *in lime*;

6. Illi kien wara li ġie irreġistrat l-Att tat-Twelid bid-dikjarazzjoni kif edotta f'inċiż wieħed (supra) illi ġiet intavolata applikazzjoni quddiem l-Kummissarju għal-Protezzjoni tad-Data sabiex din id-dikjarazzjoni tiġi mneħħija, liema talba ġiet miċhuda. Sussegwentament l-atturi intavolaw appell u filwaqt illi t-Tribunal tal-Appell dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (IDPC) laqgħa parzjalment l-Appell (skont Dok C anness mar-rikors promotur) billi iddikjara li kien hemm ipproċċessar ta' data fl-Att tat-Twelid tal-minuri oltre dak rikjest mill-Kodiċi Ċivili, huwa irrinvja l-Atti lura lil Kummissarju u dan sabiex jiddeċiedi l-każ skond l-Kapitolu 440 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi sussegwentament, l-Kummissarju ħareġ d-deċiżjoni tiegħu permezz ta ittra datata 7 ta' April 2017 ("Comissioner's Order") (annessa u mmarkata **Dok. R1**) fejn ordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar id-dikjarazzjoni in kwistjoni u minflok sempliċiment jagħmel referenza għal-fatt illi l-minuri twieled tlett mitt ġurnata mid-data ta-separazzjoni legali;

8. Illi l-esponenti ottempora ruħu mal-*Commissioner's Order* fejn għamel l-annotazzjoni neċessarji u dan ai termini tal-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jirrifletti d-deċiżjoni tal-Kummissarju u dan anke kif jirriżulta minn korrispondenza uffiċjali mibgħuta mill-istess Kummissarju lill-kontendenti datata 10 ta' Ottubru 2019, kopja annessa u mmarkata **Dok. R2**;

9. Illi sussegwentament, r-rikorrenti għamlu ilment ulterjuri mal-Kummissarju għal-Protezzjoni tad-Data fejn saħqu illi l-mod ta' kif id-Direttur tar-Reġistru

Pubbliku implimenta id-deċiżjoni fuq imsemmija permezz ta' annotazzjoni u mhux ta' kanċellament tad-dikjarazzjoni imsemmija (sive inċiż wieħed) tmur kontra l-għan tal-protezzjoni tad-dati;

10. Fil-5 t'April 2021, l-IDPC rega' bagħat komunika lid-DRP fejn fiha talab tibdiliet ulterjuri u kien hemm korrispondenza għaddejja bejn il-partijiet sabiex tinstab soluzzjoni aħħarija u definittiva inkluz anke ġew diskussi emendi legali bi qbil mal-istess IDPC;

11. Illi nonostante, l-atturi qegħdin issa qegħdin jgħidu illi d-deċiżjoni tal-konvenuti jew min minnhom anke jekk in ottemporanza mal-ordni tal-Kummissarju u speċifikament l-applikazzjoni tal-Artikoli 278(e) u 280(2)(c) tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tagħhom qegħdin jilledu id-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanciti bl-Artikolu 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

## Eċċezzjonijiet preliminari

12. Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi kif imfassla kemm minn qari okkurat tal-premessi kif ukoll tat-talbiet hija intiża sabiex tattakka u timpunja id-deċiżjoni/jiet meħuda mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan in kwantu jolqtu l-annotazzjonijiet magħmula fl-Att tat-Twelid b'numru progressiv 3448/2014 u d-dikjarazzjoni fil-kolonna intestata isem u kunjom tal-omm fuq l-istess Att. Illi għal dan il-għan l-atturi kellhom **rimedji ordinarji** fil-forma ta' skrutinju amministrattiv, liema rimedji huma effettivi tant illi jekk l-azzjoni tagħhom tintlaqa' jwasslu għat-tħassir tad-deċiżjoni tad-Direttur u għaldaqstant tiġi evitata jew sanata l-allegat leżjoni/jiet imsemmija. Din l-kawża hija għalhekk waħda **intempestiva**. In vista ta' dan, l-esponenti qiegħdin umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-*proviso* tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

13. Illi in linea preliminari wkoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti ma jistgħux iqanqlu favur tagħhom l-**artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** għaliex skont l-**artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, dan mhuwiex wieħed minn dawk l-artikoli li jagħti dritt ta' azzjoni quddiem qorti b'setgħat kostituzzjonali, b'rabta mal-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet *Rosalie Darmanin vs Il-Prim Ministru et* deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 t'Ottubru 2015);

**Eċċezzjonijiet fil-mertu**

14. Illi l-pretensjonijiet u talbiet attriċi huma **infondati fil-fatt u fit-dritt** u dan kif spjegat f'din ir-risposta u kif sejjer jiġi aħjar trattat fil-proċeduri odjerni;

15. Illi qabel xejn, l-artikolu 278(e) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma jeżistix. Kemm l'darba l-atturi qegħdin jirreferu għal l-Artikolu 278(1)(e), huma għandhom jissanaw it-talbiet tagħhom skont il-liġi;

16. Illi bla preġudizzju għal-premess, l-atturi irridu jispjegaw kif japplikaw **l-Artikolu 278(1)(e) u l-Artikolu 280(2)(c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** għall -ilment tagħhom. Di piu' jridu jgħidu kif eżattament l-applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ artikoli qiegħed jilledi id-drittijiet fundamentali tagħhom ai termini tal-Artikolu 32 u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

17. Illi tajjeb jingħad illi l-Artikolu 278(1)(e) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sempliċiment jipprovdi id-dettalji tal-ġenituri li għandhom jiġu inklużi fl-att tat-twelid, liema dettalji jinkludu jekk il-ġenituri humiex miżżewġin; f'każ li l-wild jitwieled fiż-żmien anqas minn tlett mitt (300) ġurnata qabel is-separazzjoni legali, divorzju jew annulament, titniżżel dikjarazzjoni dwar dan l-fatt; u fejn japplika l-Artikolu 280(2)(a) u ċioe fejn tlett mitt ġurnata qabel ma twieled l-wild, il-persuna li ma wilidx ikun assenti minn Malta, dan il-fatt għandu jiġi indikat. Illi b'daqshekk l-inkluż ta' dawn id-dettalji ma jistgħu qatt jiġu iddikjarati leżivi għad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif jittentaw jgħidu r-

rikorrenti għax dawn sempliċiment jaċċertaw stat ta' fatt. Illi huwa obbligu ta' kull stat illi jiżgura li jkollu dettalji mill-aktar korretti u ċari ta' kull stat ta' fatt fir-Reġistru Pubbliku ta' dak l-pajjiz dwar persuni li f'dan il-każ ġew mitwielda Malta. Dan kollhu jista jiġi mislut mill-ispirtu tal-liġi fosthom fl-Artikolu 242 u 258 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi m'għandniex xi ngħidu, l-inkluż ta' informazzjoni bħal din hija ta' interess pubbliku;

**18.** Illi in oltre' dak li ried jagħmel il-leġislatur bid-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 280(2)(ċ) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att XV tal- 2012 huwa illi joffri rimedju sabiex qabel ma jiġi reġistrat l-Att tat-Twelid tal-wild, permezz ta' mekkaniżmu ordinarju u mingħajr proċeduri litiġużi, l-presunzjoni li t-tarbija tkun twieledet fiż-żwieġ tista' tiġi megħluba u t-tarbija tiġi reġistrata mill-ewwel fuq il-missier naturali tagħha. Illi għalhekk l-esponenti ma jistgħux jifmu kif rimedju legislattiv illi beda joffri alternattiva sabiex f'każ fejn wild li jkollu ġenitur naturali li mhuwiex wieħed mill-konjuġi jista' bi qbil bejn il-partijiet permezz ta' proċedura pjuttost sempliċi quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili jegħleb l-presunzjoni li t-tarbija hija frott ir-relazzjoni konjugali, tista' tkun leżiva għad-drittijiet fundamentali nvokati mir-rikorrenti fosthom l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni. Illi a kuntrarju tal-allegata diskriminazzjoni, l-esponenti umilment jikkontendu illi tali liġi hija preċiżament intiża **sabiex tiġi evitata diskriminazzjoni** u mhux tikkawżaħa stante illi tiżgura li anke wlied mwielda frott relazzjoni ma' terżi f'kuntest ta' konjuġi, jiġi żgurat b'mekkaniżmu pjuttost sempliċi illi l-missier bioloġiku u naturali tagħha jiġi <u>rikonoxxut mal-ewwel</u> fl-Att tat-Twelid tal-istess minuri;

**19.** Illi meta daħal fis-seħħ l-Artikolu 280(2)(ċ) ma giex emendat ukoll l-Artikolu 278(1)(e)(iv) b'dan ikollu l-konsegwenza li l-liġi in kwistjoni lanqas ma' tista tiġi attakata illi tobbliga lid-Direttur strettament bil-liġi illi jrid jagħmel referenza għal-fatti spjegat fl-Artikolu 280(2)(ċ) fl-Att tat-Twelid innifsu u ċioe referenza illi matul il-perjodu sħiħ tat-tlett mitt jum minnufih qabel il-jum tat-twelid huma ma kellhomx relazzjonijiet sesswali flimkien, liema dikjarazzjoni ssir quddiem l-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili;

**20.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk għal- grazzja tal-argument li l-Artikolu 278(1)(e) jista b'xi mod jobbliga illi meta jissusistu r-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 280(2)(ċ), *"għandha ssir referenza għal dak il-fatt fl-att tat-twelid"* (bl-istess mod kif japplika l-Artikolu 278(1)(e) fiċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 280 (2)(a)), dan ma jfissirx illi l-liġi bilfors tobbliga jew tgħid lid-Direttur li jrid jikkwota *lock, stock and barrel* id-Dikjarazzjoni magħmula quddiem l-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili sabiex tingħeleb l-presunzjoni lit-tarbija twieldet fiż-żwieg.

**21.** Illi dan ukoll ikompli jikkonferma t-teżi tal-esponenti illi effettivament dak li jridu jew aħjar kellhom jagħmlu l-atturi jekk ma qablux mal-pożizzjoni per addotata mid-Direttur huwa li jipproċedu b'kawża amministrativa quddiem il-qorti kompetenti (*sive* l-ewwel eċċezzjoni preliminari).

**22.** Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, jissokta jingħad li l-esponenti ma jifhmux b'liema mod sejra tiġi mkasbra l-privatezza ta' ħajjithom;

**23.** Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 280(1), 280(2), 278(1)(e) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma joħolqu ebda diskriminazzjoni kif jittentaw jgħidu l-atturi. Għalhekk huma irridu jispjegaw b'mod ċar kif eżatt il-liġi qegħda tikreja diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom kif titlob l-gurisprudenza nostrana u dan anka in vista tal-fatt li mhux kull trattament differenti jikkostitwixxi leżjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea (ara *inter alia* l-kawżi fl-ismijiet *Joseph Micallef et vs Avukat Ġenerali et* deċiża 1 ta' Lulju 2020 u *Amato Gauci vs Malta* deċiża mill-QEDB 15 ta' Settembru 2009);

**24.** Illi l-argument miġjub mill-atturi illi l-Artikoli 278(1)(e) u 280(2)(c) qegħdin jilledu l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni huwa legalment improponibbli stante illi l-fatt li atturi qegħdin jivvantaw l-pretenzjonijiet tagħhom dwar allegat leżjoni tal-Konvenzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha huwa fih innifsu rimedju li jissodisfa dak li jrid l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Illi fuq dan l-binarju, loġikament l-atturi jridu jistennew l-eżitu ta' dawn il-proċeduri sabiex jallegaw li dan ir-rimedju mhux effettiv. Illi għalhekk

anka din l-pretensjoni u in kwantu it-talba tagħhom tolqot l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni hija intempestiva għall-aħħar.

25. Illi dejjem fuq bażi ta' preġudizzju, dwar it-talba tagħhom għal likwidazzjoni tad-danni, l-atturi jridu jippruvaw id-danni li qegħdin allegatament jgħidu li soffrew u/jew li qegħdin isofru nkluz it-tbatija morali u psikologika allegata minnhom;

26. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond l-liġi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-kawża;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' Fatti**

Il-konjuġi Reuben Buttigieg u Tracy Buttigieg qegħdin jidhru f'din il-kawża f'isimhom u anke f'isem il-minuri binhom Matteo Peter Buttigieg. Ir-rikorrenti Tracy Buttigieg isseparat *de facto* minn ma' Ronnie Vella fid-19 ta' Ġunju 2012. Sussegwentement isseparat legalment fit-8 ta' Novembru 2013. Aktar 'il quddiem iż-żwieġ ta' bejn Tracy Buttigieg u Ronnie Vella ġie annullat fid-9 ta' Jannar 2017.

Tracy Buttigieg bdiet relazzjoni mar-rikorrent Reuben Buttigieg, u li minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri Matteo Peter Buttigieg, fil-21 ta' April 2014. Meta twieled l-imsemmi minuri, Tracy Buttigieg kienet għadha legalment miżżewġa lil Ronnie Vella, u dan għax iż-żwieġ tagħhom kien għadu mhux dikjarat null.

Minħabba l-preżunzjoni li teżisti fil-liġi li wild li jitwieled bejn żewġ miżżewġin huwa preżunt li l-konjuġi huma l-ġenituri tal-istess wild, biex ma jiġrix hekk

f'dal-każ, ir-rikorrenti għamlu dikjarazzjoni skont l-artiklu 280(2)(c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Tali dikjarazzjoni ġiet tidher fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Matteo Peter Buttigieg, iben ir-rikorrenti Reuben u Tracy Buttigieg. Liema dikjarazzjoni tidher taħt l-isem tal-omm fiċ-ċertifikat imsemmi, u kif ukoll hemm referenza għaliha taħt il-kolonna tal-annotazzjonijiet fl-istess imsemmi ċertifikat.

Ir-rikorrenti trid li jitneħħew kompletament il-kliem li jidher fl-annotazzjonijiet f'dan ir-rigward, li jirreferi għal tali dikjarazzjoni skont artiklu 280(2)(c) tal-Kap. 16, u kif ukoll li jitilqu l-kliem tad-dikjarazzjoni nfisha li jinsabu taħt isimha bħala l-omm fl-imsemmi ċertifikat tat-twelid, u dan dejjem b'referenza għar-relazzjoni sesswali li kellha, jew li ma kellhiex, mal-imsemmi Ronnie Vella fit-300 jum ta' qabel it-twelid ta' binha Matteo Peter Buttigieg.

Minħabba ż-żieda ta' dan il-kliem fiċ-ċertifikat tal-minuri, kif fuq spjegat huma kellhom komunikazzjoni mar-reġistru pubbliku, kif ukoll irrikorrew għand il-Kummissarju għall-protezzjoni tad-data u anke appellaw deċiżjoni quddiem it-tribunal dwar l-informazzjoni u l-protezzjoni tad-data, sakemm waslu wkoll għal din il-kawża odjerna.

Ir-rikorrenti konjuġi għamlu wkoll test tad-DNA sabiex ikomplu jipprovaw il-paternita` vera ta' binhom minuri.

Ir-rikorrenti ħassew u qed jallegaw li dan qed imur kontra d-drittijiet fundamentali tagħhom u li qed jinkisrulhom numru ta' drittijiet fundamentali kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.

## Punti ta' Liġi

Ir-rikorrenti qed jallegaw li in vista ta’ dak hawn fuq spjegat, *inter alia,* qed jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom abbażi tal-artikli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artikli 8, 13, u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Artiklu 278(1)(e)(iii) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta’ Malta, jistipula li għandha ssir referenza li l-omm hija sseparata jekk twelled tarbija inqas minn 300 jum minn meta tkun isseparat legalment. Tali artiklu ma jsemmix ħlief il-ħtieġa ta’ dikjarazzjoni li l-omm hija sseparata.

Artiklu 280(2)(c) tal-Kap. 16 huwa provvediment li jintuża sabiex tingħeleb l-imsemmija preżunzjoni ta’ min huma l-ġenituri, ċioe` l-missier l-iktar, meta tarbija titwieled fiż-żwieġ. Tali artiklu essenzjalment jistipula li l-konjuġi jkunu jridu jiddikjaraw li ma kellhomx attivita`/relazzjoni sesswali bejniethom fit-300 jum ta’ qabel it-twelid tat-tarbija. Tali dikjarazzjoni saret kif suppost u kif mitlub.

L-artiklu 257(9) tal-Kap. 16 jirreferi għal x’għandu jsir meta jseħħ xi tibdil f’dar-rigward. Jistipula li għandha ssir referenza għall-ordni li tkun ingħatat fis-sentenza jew deċiżjoni li tkun tirrigwarda t-tibdil.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

L-ewwel eċċezzjoni li jagħti l-intimat Direttur hi, li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinajrju għad-disposizzjoni tagħhom u li għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti.

Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni, li r-rikorrenti diġa’ irrikorrew għal dawn ir-rimedji, kemm quddiem il-Kummissarju tad-Data u kif ukoll il-Qorti tar-Reviżuri. B’dana

kollu, ma jidhirx li dan ir-rimedju kien effettiv tant, li l-istess intimat Direttur xorta għadu jinsisti fuq dak li r-rikorrenti jridu li jkun ikkanċellat mill-Att ta' twelid tal-minuri.

Fir-risposta tagħhom, l-intimati jgħidu li r-rikorrenti kellhom għad-disposizzjoni tagħhom l-azzjoni fl-għamla ta' skrutinju amministrattiv. Fi ftit kliem ieħor, l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa tajjeb li jingħad, li dak li qed jgħidu r-rikorrenti huwa fis-sens, li l-artikoli 278(1)(e) u 280(2)(c) tal-Kodiċi Ċivili jiksrulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom mertu tar-rikors promotur.

Huwa ċar li ebda Qorti ma tista', bis-saħħa tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tannulla liġi bħala waħda anti kostituzzjonali. L-aktar li tista' tagħmel huwa li tannulla deċiżjoni ammistrattiva imma mhux li tannulla liġi. Di fatti taħt artikolu 469A, kuntrarjament għall-kamp Kostituzzjonali, m'għandiex il-poter li tagħti xi rimedji li huma rejalment effettivi għaliex ma tista' qatt tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Awtorita' pubblika. Di piu', il-każijiet fejn tista' tagħti kumpens huma limitati għall-aħħar filwaqt li Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha ma hi marbuta b'ebda limiti.

F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jgħallmu li *"Il-Leġislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawżi kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f' kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew taht il-lenti Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni [anke jekk dawn setgħu jigu ezaminati taht xi ligi ohra] dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha"* (Ara **Sentenza tal-Qorti**

**Kostituzzjonali fl-ismijiet Residual Limited -vs- Kummissarju Artijiet – Raymond Vella v. Kummissarju tal-Artijiet, deċiża 24 Mejju 2004**)

Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni.

**Il-mertu**

L-artiklu 257(9) tal-Kodiċi Ċivili li jelenka l-informazzjoni li għandu jkun fih att tat-twelid. Imkien ma jingħad li f'dan l-att għandha ssir referenza għal kontenut jew addirittura jitniżżel il-kontenut sħiħ ta' xi ordni, bħal xi provvediment jew Sentenza li turi kif u għalfejn seħħ xi tibdil. Min-naħa l-oħra artiklu 280(2)(c) iservi biex jirribatti l-preżunzjoni *iuris tantum* li teżisti rigward ta' min ikun il-wild li jitwieled, meta l-omm tkun miżżewġa kif ġa` spjegat aktar 'l fuq.

Huwa rilevanti wkoll, anzi ta' importanza, li l-artiklu 278(1)(e) ma jsemmi mkien artiklu 280(2)(c), bħal ma jsemmi artiklu 280(2)(a) fis-sens, li dan jiġi mdaħħal jew issir referenza għalih f'ċertifikat tat-twelid, kif ipprovdut f'artiklu 278(1)(e)(iv). Huwa biss ir-Reġistratur Pubbliku, irrapreżentat f'din il-kawża mill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li qed jinsisti tant li saħansitra kiteb lill-Atturi fejn infurmahom li għandhom ikunu proposti emendi sabiex f'artiklu 278(1)(e)(iv) ikun jinkludi wkoll l-artiklu 280(2)(c) li allura japplika bl-istess mod bħal artiklu 280(2)(a).

Skond din il-Qorti, din l-insistenza tar-Reġistratur tkompli tħawwad u tiżgwida iżjed lir-rikorrenti. Meta kull ma jrid jagħmel hu li jsegwi l-prinċipju ta' *ubi lex voluit dixit.*

Din il-Qorti pjuttost temmen, li artiklu 280(2)(c) ma jissemmiex f'artiklu 278(1)(e)(iv) intenzjonalment sabiex jirrispetta n-natura delikata tad-

dikjarazzjoni kif irid l-artiklu 280(2)(c) bl-iskop li jgħin u jipproteġi l-privatezza ta' l-individwu f'dan ir-rigward.

Artiklu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

Kwantu artiklu 32 tal-Kostituzzjoni jrid jingħad li dan ma jwassalx għal jedd ta' azzjoni fih innifsu. Artiklu 46 tal-istess Kostituzzjoni huwa ċar dwar dan. Kien ikun biżżejjed għal din il-Qorti li tirreferi għal dak li jiddisponi l-artikolu 46(1) biex tikkonkludi li artikolu 32 per se tal-Kostituzzjoni ma jagħtix lok għall-azzjoni. Dan l-artikolu jagħmilha ċara li azzjoni taħt Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni tista' issir biss fir-rigward tad-drittijiet elenkati minn artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni.

Iżda anke l-istess artikolu 32 jafferma dan, meta jagħmel referenza li l-protezzjoni tad-drittijiet li jelenka dan l-artikolu, il-protezzjoni testendi għad-"disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu." Din dejjem kienet il-posizzjoni li ħadu dawn il-Qrati nkwantu jirrigwarda dan l-artikolu partikulari tal-Kostituzzjoni. Di fatti s-Sentenzi jgħallmu hekk:

"*Illi tenut kont ta' dan kollu u fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-intimat, jingħad fl-ewwel lok dwar l-applikabbilita' ta' l-artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li rrikorrenti qed jallega li dan l-artikolu jitkellem dwar ir-rispett għall-ħajja privata u familjari. F'dan il-kuntest jingħad li l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-intimati f'dan ir-rigward fis-sens li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni m'huwiex wieħed enforzabbli taħt l-artikolu 46 ta' l-istess Kostituzzjoni li huwa l-artikolu li jagħti l-ġurisdizzjoni lil din il-Qorti li teżamina ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem.*

*Dan l-artikolu 46 infatti jsemmi biss id-drittijiet fundamentali elenkati fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u allura t-talbiet tar-rikorrenti fuq dan il-punt qed jiġu miċħuda. Illi dwar dan il-punt jingħad li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ġie dejjem interpretat bħala artikolu li jikkontjeni biss dikjarazzjoni ta' prinċipji li minkejja li huma prinċipji bażiċi u li għandhom jiġu segwiti ma kinux enforzabbli quddiem Qorti. Pero' d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, tad-dar u tal-korrispondenza huma msemmija wkoll fl-artikolu 8 u jifformaw parti integrali mid-dritt sostantiv tagħna fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta*”. (**Ara Joseph Schembri vs Onorevoli Prim Ministru bħala Kap tal-Gvern ta’ Malta et” – P.A (SK) - 25 ta’ Jannar, 2002) u Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivil [Sede Kostituzzjonali] tat-30 ta' Novembru, 2010 , fl-ismijiet Joanne Cassar vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku u L-Avukat Ġenerali**). Dan ifisser, li l-ilment tal-esponenti fir-rigward ta’ dan l-artikolu partikulari mhux ser ikun milqugħ.

<u>Art 45 tal-kostituzzjoni</u>

Illum l-Qrati tagħna dejjem irribadew il-prinċipju, li d-diskriminazzjoni trid tkun fuq waħda mir-raġunijiet projbiti fl-istess artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Dan ifisser li l-protezzjoni minn diskriminazzjoni assigurata b’dawn l-Artikoli ma ssibx applikazzjoni jekk l-ilment ma jkunx jirrigwarda xi waħda mir-raġunijiet li jsemmi dan l-artikolu.

L-imġieba diskriminatorja biex tkun tista’ tingħad li hija hekk trid tinkwadra ruħha f’waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Ir-raġuni ta' diskriminazzjoni f'allegazzjoni ta' ksur ta' dan il-jedd fundamentali trid ta' bilfors taqa' taħt waħda mir-raġunijiet imsemmija

f'dan is-sub artikolu. Appuntu, fil-kwistjoni kostituzzjonali li għandha quddiemha din il-Qorti, ir-rikorrenti jridu bilfors jorbtu l-allegat ilment tagħhom ta' diskriminazzjoni ma' xi wieħed mill-motivi li nsibu tassattivament imsemmija fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni viz. razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, fidi, sess jew orjentament sesswali.

Għalhekk, dan in-nuqqas iwassal għaċ-ċaħda ta’ l-ilment fil-każ ta’ dan l-artikolu. Il-lista ta’ raġunijiet li jistgħu jagħtu lok għal diskriminazzjoni taħt artikolu 45 hija waħda eżawrenti u ma tistax tkun estiża jew imġebbda għal raġunijiet oħrajn. B’mod pargonabbli, dan bil-kuntrarju tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni fejn il-lista li jipprovdi hija waħda illustrattiva u mhux eżawrenti (Ara **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Ivan Vella -vs- Avukat Ġenerali deċiża fil-25 ta’ Novembru 2011**).

Di pju, biex jiġi mistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, iridu javveraw erbgħa elementi importanti u ċioe’ li (a) jkun ingħata lill-persuna trattament differenti minn dak mogħti lill-persuna jew għadd ta’ persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbaħha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment ġustifikabbli jew (d) jekk f’dak it-trattament ikun nieqes mill-proporzjonalita’ bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat.

Dan ifisser, li fl-ewwel lok, dak li trid tagħmel din il-Qorti hu, li timbarka fuq eżami dwar jekk fil-fatt l-ilment tar-rikorrent jistax jaqa’ taħt xi wieħed mill-irjus elenkati fl-artikolu 45 u dan qabel ma tara jekk jeżistux l-elementi fuq imsemmija.

Għalhekk wara li din il-Qorti għamlet dan l-eżerċizzju ssib li l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhux applikabbli għall-każ odjern. Huwa minnu, li fl-artikolu 280 (2) (c) tal-Kodiċi Ċivili hemm referenza għall-fatt ta' relazzjoni sesswali, iżda d-diskriminazzjoni li jrid l-artikolu 45 li tirrigwarda l-aspett intrinsiku tal-ħajja tal-bniedem. Id-diskrminazzjoni trid titwettaq fuq bażi ta' "*sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru".* Jiġifieri, li ma tridx il-Kostituzzjoni hu, li persuna tkun iddiskriminata minħabba l-identita' intrinsika tagħha per se u mhux minħabba l-att sesswali fih innifsu fil-kuntest ta' l-artikolu tal-liġi in eżami.

Għalhekk l-ilment ibbażat fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ser ikun miċħud.

Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

Dwar l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu hemm żewġ skejjel ta' ħsieb. L-ewwel waħda u l-aktar antika hija dik li ssostni li dan l-artikolu m'għandux eżistenza awtonoma fis-sens li sabiex ikun hemm ksur tiegħu bil-fors irid ikun b'referenza għal xi wieħed mid-drittijiet fundamentali elenkati mill-Konvenzjoni.

Għalhekk b'referenza għall-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni ġie ritenut mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **Abdulaziz, Cabales and Balkandali tat-28 ta' Mejju 1985**:

"*Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the "enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily*

*presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter*".

Min-naħa l-oħra hemm l-iskola tal-ħsieb l-oħra li hija aktar riċenti li tgħid, li dan l-artikolu għandu ħajja awtonoma fis-sens li mhux eżawrenti. Għalhekk "*The application of Article 14 – read in conjunction with a substantive provision – does not necessarily presuppose the violation of one of the substantive rights guaranteed by the Convention and to this extent it is autonomous*" (ara **Sidabras and Dziautas -vs-Lithuania, 2004, § 38 u Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 63; E.B. -vs- France [GC], 2008, § 47**).

Din il-Qorti taqbel ma' din l-aħħar skola, li tissuplimenta wkoll ir-riġidita' fl-applikazzjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti eżaminat sewwa l-fatti li jemerġu mill-provi, partikularment l-insistenza tad-Direttur li jibqgħu jidhru fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri. Minkejja li kemm id-deċiżjoni tat-Tribunal Dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tas-7 ta' April 2017 u minkejja li anke l-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili fit-23 ta' Lulju 2014 qalet li fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' Ronnie Vella, żewġ l-Attriċi, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jieħu inkonsiderazzjoni din id-dikjarazzjoni sabiex it-tarbija tkun tista' tiġi reġistrata fuq il-missier naturali tagħha Reuben Buttigieg għall-finijiet u effetti tal-liġi. B'dan kollu l-intimat Direttur qiegħed xorta jirreżisti li jikkanċella minn fuq l-att tat-twelid ir-riproduzzjoni tal-kliem fl-artikolu 280(2)(c) (a' fol 39). Jidher li mix-

xhieda ta' Dr. Clive Ellul, avukat fid-Dipartiment, din hija interpretazzjoni li l-intimat Direttur jagħti tal-liġi (a' fol 77 tergo). Imma bid-dovut rispett lejn dan l-intimat, il-kelma tal-liġi toffri aktar ċertezza u garanziji.

Dan ifisser ukoll, li jekk qatt m'humiex l-artikoli per se, li jmorru kontra dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, salv għal dak li ser jingħad aktar 'l isfel, iżda l-għemil tal-intimat Direttur. Huwa minnu li l-artikoli 278.(1)(e)(iv) jiddisponi li "*Kull att tat-twelid għandu jinkiteb skont il-Formula Ċ fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li hawn ma' dan il-Kodiċi u, bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra, għandu jkun fih il-partikolaritajiet li ġejjin:*" [fost oħrajn] "*l-każ li jkunu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 280(2)(a) għandha ssir referenza għal dak il-fatt fl-att tat-twelid* ".

Minn hawn jidher, li huwa minnu li l-Leġislatur ma riedx li jissemma fl-Att tal-Twelid tat-tarbija, dak li jiddisponi l-artikolu 280(2)(c), li kieku kien hekk kien jgħidu. Dan tassew huwa l-każ ta' *"ubi lex voluit dixit*" u "*ubi lex non distinguit nec nos distiguere debemus".* Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-assjomi jakkwistaw aktar importanza u għandhom aktar saħħa fil-kamp Kostituzzjonali. Issa, minkejja li l-artikolu tal-liġi kjarament ma jirrekjediex li d-dikjarazzjoni imsemmija mhux meħtieġa mil-liġi li titniżżel fl-Att tat-Twelid, l-intimat Direttur ma jagħmilx sewwa, id-Direttur intimat jinterpreta mod ieħor, anke jekk ġenwinament jemmen li hekk għandu jkun fl-interess ġenerali, kif fil-fatt tassew jemmen.

Min-naħa tiegħu l-intimat Direttur, biex bħal donnu jagħmel pjaċir lill-Atturi, assigurahom li ser jagħmel ħiltu biex tiddaħħal emenda fil-liġi, fis-sens li artikolu 280(2)(c) jissemma' ukoll f'artikolu 278 bħal fil-każ ta' artikolu

280(2)(a). Saħansitra għarrafhom bit-test ta' l-emenda li kien ser jipproponi (a' fol 36). Iżda fis-sewwa, mhux dan li jridu l-Atturi. Dak li jridu l-Atturi hu li ma ssir ebda referenza għar-relazzjoni personali tagħhom, bħal ma hija relazzjoni sesswali għaliex din hija informazzjoni ta' natura intimament privata. Huma jargumentaw li mhux ħaġa sewwa, li dak li jkun jibqa' jġorr għal għomru dan id-dettal ta' intimata' familjari, tenut kont li l-pubbliku għandu aċċess liberu għal dokumenti bħal dawn (Ara artikolu 251 tal-Kodiċi Ċivili).

Issa din il-Qorti, kuntrarjament għal dak li sostna l-intimat Direttur, in-nuqqas ta' tismija taċ-ċirkostanza taħt artikolu 280 (2)(c), ma hiex xi ommissjoni da parti tal-leġislatur. Taqbel ma' dak li jsostnu l-Atturi li din hija intenzjonata għaliex propju ma jridx li informazzjoni tant sensittiva u intima ta' persuna tkun faċilment disponibbli għall-bqija tad-dinja. Il-fatt, minn meta d-Direttur propona din l-emenda f'Ġunju tal-2021 xorta waħda għadu ma sar xejn (a' fol 36). B'dana ma jfissirx bil-fors, li l-istat tal-lum qiegħed jikser id-dritt fundamentali ta' l-Atturi kif imħares minn artikolu 14 u dan kif ser jingħad hawn taħt.

Biex ikun hemm ksur ta' dan l-artikolu hemm numru ta' kriterji li jridu jkunu sodisfatti u dawn huma dawk imsemmija aktar 'l fuq u ċioe' li l-persuna (a) jkun ingħata lill-persuna trattament differenti minn dak mogħti lill-persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li <u>jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbaħha</u>, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment ġustifikabbli jew (d) jekk f'dak it-trattament ikun nieqes mill-proporzjonalita' bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat.

Fil-każ ta' tnejn miżżewwġin fejn il-wild ikun diġa' ġie reġistrat fuq il-konjuġi l-artikolu 280 mhux applikabbli "*jekk il-konjuġi l-ieħor, fiż-żmien kollu tat-tliet mitt ġurnata ta' qabel il-ġurnata tat-twelid tat-tarbija, kien nieqes minn Malta, u din l-assenza hija mwettqa bil-miktub u bil-ġurament quddiem l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, minn, għall-anqas, żewġ persuni ta' fiduċja".*

Issa f'dan l-artikolu n-nuqqas ta' relazzjoni sesswali ma tissemiex iżda hija biss impliċita mentri fil-każ ta' wild minn relazzjoni estramatrimonjali meta t-twelid ikun għadu ma ġiex reġistrat u qabel tlett mitt jum din ir-relazzjoni tissemma'. Issa biex id-diskriminazzjoni tikkonfigura, l-persuni jridu jkunu fl-istess qagħda jew f'sitwazzjoni li tixxibah u ċioe' analoga.

Dan huwa ukoll in linea ma dak li tgħallem il-QEDB u ċioe' li "*In order for an issue to arise under Article 14, there must be a difference in treatment of "persons in an analogous or relevantly similar situation"* (Ara s-segwenti Sentenzi; **Molla Sali v. Greece [GC], 2018, § 133; Fábián v. Hungary [GC], 2017, § 113; Khamtokhu and Aksenchik v. Russia [GC], 2017, § 64; X and Others v. Austria [GC], 2013, § 98; Konstantin Markin v. Russia [GC], 2012, § 125; Marckx v. Belgium, 1979, § 32; Burden v. the United Kingdom [GC], 2008, § 60; D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], 2007, § 175; Zarb Adami v. Malta, 2006, § 71; Kafkaris v. Cyprus [GC], 2008, § 160).**

Bħala eżempju ta' diskriminazzjoni l-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza ta' Burden and Burden -vs- UK tat-12 ta' Diċembru 2006** fejn l-aħwa Burden ilmentaw li ma kinux qed igawdu minn eżenzjoni tat-taxxa li jgawdu

l-miżżewġin. Intqal hekk:

"*The applicants* <u>*could not claim to be in an analogous situation to a couple created by marriage or civil partnership*</u> *("a couple"). The very essence of their relationship was different, because a couple chose to become connected, whereas for sisters it was an accident of birth. In choosing to become a couple by entering into a formal relationship recognised by law, the partners also made a financial commitment to each other, and agreed to give the courts powers to divide their property and to order one partner to provide for the other on separation."* (Emfażi tal-Qorti).

Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti ma jistax jingħad li *sicut cum sicut ossia like with like.* F'din il-kawża m'għandhix il-prova li l-Atturi li fil-mument tar-reġistrazzjoni jew anke qabel tal-wild kienu f'unjoni ċivili reġistrata kif trid il-liġi (Ara Art 3 tal-kap 530 tal-Liġijiet ta' Malta). Apparti dan, element essenzjali li jpoġġihom fl-istess sitwazzjoni huwa l-*puncto tempris* ta' meta jsiru d-dikjarazzjonijet. F'waħda wara tlett mitt ġurnata wara t-twelid u l-oħra fi żmien partikolari ta' tlett mitt ġurnata qabel it-twelid. Lanqas ma inġabet il-prova li persuni oħrajn fil-posizzjoni preċiża tagħhom ġew trattati mod ieħor u b'mod privileġġjat.

Għaldaqstant din il-Qorti ma tarax li fiċ-ċirkostanzi hemm ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem tal-Atturi kif imħarsa bl-Artikolu 14 tal-konvenzjoni.

<u>Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja</u>

Fir-rigward ta' Artiklu 8 tal-Konvenzjoni, li essenzjalment jipprovdi għad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja, jidher ċar illi m'għandux ikun hemm interferenza għal dan id-dritt minn ebda awtorita`, ħlief għal ċertu eċċezzjonijiet u li huma neċessarji f'soċjeta` demokratika.

Irridu nżommu quddiem għajnejna li fin-nofs ma hemmx biss id-drittijiet tal-ġenituri naturali u bijoloġiċi tal-wild, iżda aktar minn hekk tal-wild inniffsu. Di fatti l-QEDB osservat li "*Birth, and in particular the circumstances in which a child is born, forms part of a child's, and subsequently the adult's, private life guaranteed by Article 8 of the Convention"* (Ara **Sahin v. Germany [GC], § 94; Mazurek v. France, § 49; Camp and Bourimi v. the Netherlands, §§ 37-38).** Irid jittieħed in konsiderazzjoni l-fattur li l-intimat Reġistratur qiegħed jinsisti li d-dikjarazzjoni f'artikolu 280(2)(c) tkun reġistrata fl-att ta' Twelid. Għalhekk il-persuna li għandha tarbija trid tibqa' iġġorr dik l-informazzjoni għall-bqija ta' ħajjitha magħha, biex b'hekk ikollha l-ħwejjeġ intimi tagħha minxura quddiem kulħadd għall-bqija ta' ħajjitha.

F'sitwazzjoni bħal din, l-aħħar persuna li tista' tippresta l-kunsens tagħha biex titqiegħed fid-dominju pubbliku din l-informazzjoni hija t-tarbija, li wara kollox ġiet fid-dinja mingħajr ebda tort. Bħala tali, il-Qorti tħoss li għandha kemm jista' jkun tħarisha, għaliex hija l-aktar parti persuna vulnerabbli f'din l-istorja kollha għaliex "*the concept of "private life" is a broad term not susceptible to exhaustive definition, which covers the physical and psychological integrity of a person and can therefore embrace multiple aspects of a person's identity, such as gender identification and sexual orientation, name or*

*elements relating to a person's right to their image. <u>It covers personal information which individuals can legitimately expect should not be published without their consent"</u>* (Emfażi tal-Qorti) Ara **Sentenza Axel Springer AG v. Germany [GC], § 83**). Għalhekk il-Qorti tistaqsi lilha nnifisha, li kieku t-tarbija kienet tal-eta' fejn leġittimament setgħet tagħti l-kunsens tagħha biex informazzjoni daqstant sensittiva fuq il-ħajja tagħha titqiegħed fid-dominju pubbliku, kienet tagħti dan il-kunsens. Skond din il-Qorti t-tweġiba hija definittivament li le.

Għalhekk, din il-Qorti jidhrilha, li din informazzjoni personali u sensittiva dwar il-ħajja familjari u intima ta' l-Atturi u partikularment tat-tarbija mhix waħda mill-eċċezzjonijiet li minħabba fiha huwa aċċettabbli li ssir xi interferenza f'dan id-dritt taħt artiklu 8 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, ċertament il-ħajja tal-Atturi ma hiex kwistjoni ta' interess għas-sigurta` nazzjonali, jew għas-sigurta` pubblika, jew inkella ser taffettwa l-ekonomija jew inkella toħloq xi diżordni fil-pajjiż. Jekk xejn, tali informazzjoni/dettalji f'ċertifikat tat-twelid ixxejjen u tneżża' lir-rikorrenti minn ċertu dinjita` u privatezza, u mhijiex ser isservi biex tipproteġi xi drittijiet ta' oħrajn.

Sa fejn jirrigwarda terzi, li huwa importanti hu, l-isem u l-kunjom u li huwa verament iben naturali ta' missier ir-rikorrent. Dan jingħad b'mod partikulari fid-dawl tal-fatt, li llum ma għadniex niddistingwu bejn tfal leġittimi u lleġittimi. Billi titneħħa din l-informazzjoni u dikjarazzjoni miċ-ċertifikat tat-twelid in kwistjoni, ma ttellef jew taħbi xejn mill-ħajja jew storja tal-minuri sa fejn għandha tkun taf is-soċjeta' u terzi. Dak li l-liġi trid tistabilixxi hija, l-idenitita' tal-persuna u mhux id-dettalji ta' kif ġie konċepit.

Għaldaqstant, u fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentament, hija l-fehma ta' din il-Qorti li għandhom jitneħħew miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Matteo Peter Buttigieg, il-kliem li jipprovdi artiklu 280(2)(c) u ċioe` dawk id-dettalji u informazzjoni dwar ir-relazzjoni sesswali ta' l-omm rikorrenti Tracy Buttigieg, u li m'għandha lanqas issir ebda referenza għal artiklu 280(2)(c) innifsu fuq l-imsemmi att tat-twelid in kwistjoni.

Madanakollu, għandhom xorta waħda jibqgħu jidhru noti u/jew numri jew sinjali oħra fil-kolonna tal-annotazzjonijiet li jservu biss bħala referenza għal tali dettalji u informazzjoni sabiex wieħed ikun jista' jirreferi għalihom separatament miċ-ċertifikat tat-twelid innifsu. B'hekk iżda ma jkunx jidher il-kontenut innifsu fuq iċ-ċertifikat, b'tali mod li jkun aċċessibbli u daqstant apert u li faċli jkun jaf tali dettalji intimi u mill-aktar privati, dak li jkollu tali ċertifikat tat-twelid fil-pussess tiegħu. B'hekk għandu jkun xieraq u jinżamm bilanċ bejn dak li hu informazzjoni li tibqa' tinstab u tinżamm f'postha, u l-bilanċ għall-privatezza tal-familja, u kif ukoll b'rispett lejn id-dinjita` tal-bniedem.

Il-Qorti tfakkar li din l-informazzjoni u dettalji intimi u personali li jirrigwardaw lill-omm, kif ipprovdut f'artiklu 280(2)(c), jidhru f'ċertifikat tat-twelid ta' minuri lanqas biss suppost seħħet għax artiklu 280(2)(c) ma huwiex rikjest minn artiklu 278(1)(e)(iv), u dan kif diġa` spjegat hawn aktar 'l fuq. Ħaġa bħal din jidher li taffettwa l-privatezza tal-familja u ergo tal-ħajja intima tar-rikorrenti.

Fejn tiġi diskussa jew issir enfasi dwar l-omm fir-rigward tal-maternita`, il-Qorti tfakkar li jingħad li *mater semper certa est,* jiġifieri jekk xejn l-omm hija ċerta u għalhekk huwa rrelevanti ma' min marret. Mentri fir-rigward tad-

dikjarazzjoni fejn taħt l-isem ta' l-omm fiċ-ċertifikat imsemmi, jidher li hija sseparata minn ma' Ronnie Vella, hija l-fehma ta' din il-Qorti, li artiklu 278(1)(e)(iii) jipprovdi għal sempliċiment referenza għal dan l-istat ta' fatt, u għalhekk m'hemmx għalfejn jitniżżel ukoll l-isem ta' Ronnie Vella għaliex fl-aħħar mill-aħħar m'għandu ebda relevanza għat-twelid tat-tarbija.

Irid jingħad li artiklu 280(2)(c) fih inniffsu ma jilledi ebda dritt per se, imma tali dikjarazzjoni għandha ssir u tidher biss fejn għandha ssir u fejn għandha tkun, xejn iktar u xejn inqas. Lanqas artiklu 278(1)(e)(iv) ma jista' jingħad li fih inniffsu per se jilledi xi dritt fir-rigward tal-każ odjern, u dan għax m'hemmx artiklu 280(2)(c) imsemmi fih, kif diġa ġie aċċennat u spjegat aktar 'l fuq dwar dan.

**Deċide**

Għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-ewwel talba rikorrenti** u għaldaqstant tiddikjara li l-liġijiet relevanti kif inhuma m'humiex leżivi tad-drittijiet fundamentali hawn imsemmija;

**Tilqa' parzjalment it-tieni talba rikorrenti** inkwantu li qed jinkiser id-dritt fundamentali tal-Atturi sa fejn huwa imħares minn artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**Tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet rikorrenti** u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel id-debita korrezzjoni sabiex titneħħa kwalsijasi informazzjoni u dettalji ta' dikjarazzjoni dwar ir-relazzjoni sesswali tar-rikorrenti, u kif ukoll titneħħa kull referenza għall-artiklu 280(2)(c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll jitneħħa isem Ronnie Vella, u dan kollu minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Matteo Peter Buttigieg, kemm jekk kbir

jew żgħir jew hu ta' liema daqs jew għamla hu. B'dana għandhom jitħallew dawk in-noti u/jew numri jew sinjali oħra fil-kolonna tal-annotazzjonijiet li jservu biss bħala referenza għal tali dettalji u informazzjoni sabiex wieħed ikun jista' jirreferi għalihom separatament miċ-ċertifikat tat-twelid innifsu;

**Tilqa' l-ħames talba rikorrenti** u konsegwentement il-Qorti tordna l-ħlas ta' kumpens ta' elfejn ewro (€2,000) bħala danni non-pekunjarji u għalhekk tikkundanna lill-intimati jħallsu dan il-kumpens lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż għall-intimati jew min minnhom.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**